**Emenda 5**
**Joëlle Mélin**
f'isem il-Grupp ENF

**Rapport** **A8-0339/2017**
**Helga Stevens**
L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità
2017/2127(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni (Artikolu 170(4) tar-Regoli ta' Proċedura) li tissostitwixxi l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva A8-0339/2017**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 9, 10, 19, 168 u 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikoli 2 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 15, 21, 23, 25 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) u d-dħul fis-seħħ tagħha fl-UE fil-21 ta' Jannar 2011 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà[1],

– wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jistabbilixxi arranġamenti interni għall-implimentazzjoni mill-Unjoni Ewropea kif ukoll għar-rappreżentanza tagħha relatati mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

– wara li kkunsidra l-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea[2],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Sensiela tat-Trattati Ewropej, Nru 5, 1950), u l-protokolli tagħha,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea (ETS Nru. 35, 1961, riveduta fl-1996; ETS

[1] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.
[2] UNCRPD/C/EU/CO/1.


Magħquda fid-diversità

Nru 163),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec(2002)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-protezzjoni tan-nisa mill-vjolenza, u r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2007)17 dwar l-istandards u l-mekkaniżmi ta' ugwaljanza bejn is-sessi,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW) tat-18 ta' Diċembru 1979 u l-Protokoll Fakultattiv tagħha tas-6 ta' Ottubru 1999,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[2],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2015 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (COM(2015)0615),

– wara li kkunsidra l-kunsens Ewropew il-ġdid għall-iżvilupp bit-titolu "Id-dinja tagħna, id-dinjità tagħna, il-ġejjieni tagħna", dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea u l-impenn meħud fiha li jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp,

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2017 bit-titolu "Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020" (SWD(2017)0029),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2010 bit-titolu "Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2015[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2016 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas

[1] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.
[2] ĠU L 303, 02.12.2000, p. 16.
[3] Testi adottati, P8_TA(2016)0485.

ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi")[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, b'riferiment partikolari għall-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-Lista ta' Kwistjonijiet adottata mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità b'rabta mar-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol[5],

– wara li kkunsidra t-tgħarrif tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew bit-titolu "The European Disability Strategy 2010-2020" (L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020),

– wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tal-Parlament bit-titolu "Discrimination Generated by the Intersection of Gender and Disability" (Diskriminazzjoni Ġġenerata mill-Intersezzjoni tas-Sessi u d-Diżabilità),

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2016 tal-Ombudsman Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Rapporti dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016 u l-2017 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra r-rapporti tematiċi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra l-istatistika tal-Eurostat tal-2014 dwar id-diżabilità fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-faqar u l-inugwaljanzi fid-dħul,

– wara li kkunsidra l-Konklużjoni tal-Kunsill dwar "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" li ġiet ippubblikata fl-20 ta' Ġunju 2017,

– wara li kkunsidra l-Qafas Ewropew Volontarju għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali

[1] Testi adottati, P8_TA(2016)0360.
[2] Testi adottati, P8_TA(2016)0318.
[3] ĠU C 353, 27.9.2016, p. 41.
[4] ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 9.
[5] ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 23.

(SPC/2010/10/8),

– wara li kkunsidra l-Aġenda Urbana Ġdida (A/RES/71/256),

– wara li kkunsidra l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u l-opinjopni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0339/2017),

A. billi, bħala ċittadini sħaħ[1], il-persuni b'diżabilità kollha għandhom drittijiet ugwali fl-oqsma kollha tal-ħajja u huma intitolati għal dinjità inaljenabbli, trattament ugwali u awtonomija safejn dan huwa possibbli mil-lat tal-kapaċitajiet tagħhom, biex b'hekk ikunu jistgħu jgawdu mill-iktar parteċipazzjoni sodisfaċenti possibbli fis-soċjetà;

B. billi huwa stmat li fl-Unjoni Ewropea hemm 80 miljun persuna b'diżabilità, li 46 miljun minnhom huma nisa;

C. billi t-TFUE jirrikjedi li l-Unjoni tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha (l-Artikolu 10) u jagħtiha s-setgħa li tadotta leġiżlazzjoni sabiex tindirizza tali diskriminazzjoni (l-Artikolu 19);

D. billi l-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxu b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità u jipprevedu l-parteċipazzjoni ugwali tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà;

E. billi l-UNCRPD hija l-ewwel trattat internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem irratifikat mill-UE, u ġie ffirmat ukoll mit-28 Stat Membru u rratifikat minn 27; billi l-UE hija l-akbar donatur ta' għajnuna għall-iżvilupp u waħda mill-aktar partijiet interessati influwenti fil-livell internazzjonali;

F. billi l-UE hija impenjata favur l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) fi ħdan l-UE u fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi sħab;

G. billi l-UNCRPD tiddikjara li l-persuni b'diżabilità jinkludu dawk li għandhom

[1] Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, "ċittadini sħaħ" għandha tinftiehem fis-sens tal-UNCRPD – jiġifieri li kull persuna b'diżabilità għandha tibbenefika b'mod sħiħ mid-drittijiet tal-bniedem kollha.

indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensjorju fit-tul li, meta f'interazzjoni ma' diversi ostakoli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà bħal ħaddieħor; jenfasizza, b'mod partikolari, l-Artikolu 9 tal-UNCRPD;

H. billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-fatt li l-UNCRPD hija vinkolanti fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, peress li hija strument ta' leġiżlazzjoni sekondarja[1]; billi huwa imperattiv li l-għodod ta' politika u d-dritt tal-UE eżistenti jiġu applikati;

I. billi l-persuni b'diżabilità jikkostitwixxu grupp varjat, u billi n-nisa, it-tfal, il-persuni iktar anzjani, u l-individwi bi ħtiġijiet ta' appoġġ kumplessi jew b'diżabilità temporanja jew diżabilità li ma tidhirx iħabbtu wiċċhom ma' ostakoli addizzjonali u forom multipli ta' diffikultà;

J. billi l-persuni b'diżabilità jħabbtu wiċċhom ma' spejjeż addizzjonali, dħul iktar baxx u livell ogħla ta' qgħad; billi l-benefiċċji relatati mad-diżabilità għandhom jitqiesu bħala għajnuna mill-istat immirata biex tgħin lin-nies jeliminaw l-ostakoli bl-għan li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, inkluż permezz tal-impjieg;

K. billi t-tfal b'diżabilità għandhom id-dritt li jgħixu mal-familja tagħhom jew f'ambjent tal-familja li jkun konformi mal-aħjar interess tagħhom; billi l-membri tal-familja ta' spiss ikollhom inaqqsu jew iwaqqfu l-attivitajiet professjonali tagħhom biex jindukraw membri tal-familja b'diżabilità;

L. billi għad hemm leġiżlazzjoni ġdida u reveduta mingħajr ebda referenza għall-UNCRPD u l-aċċessibilità; billi l-aċċessibilità hija prerekwiżit għall-parteċipazzjoni; billi l-UE, bħala parti għall-UNCRPD, għandha d-dmir li tiżgura l-involviment mill-qrib u l-parteċipazzjoni attiva tal-persuni b'diżabilità u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki filwaqt li tirrispetta l-kunċetti diversi ta' diżabilità;

M. billi l-persuni b'diżabilità ta' spiss isofru minn nuqqas ta' appoġġ, protezzjoni, komunikazzjoni u informazzjoni dwar is-servizzi u d-drittijiet ta' kura tas-saħħa, protezzjoni mill-vjolenza u kura tat-tfal, u għandhom ftit jew ebda aċċess għal tali servizzi u informazzjoni; billi l-persunal tas-servizz s-saħħa jenħtieġ li jkun imħarreġ b'mod xieraq dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità;

N. billi parti konsiderevoli mill-4 miljun persuna li ta' kull sena jispiċċaw mingħajr dar għandhom diżabilità, u billi dawn ġew injorati bħala grupp fil-mira tal-UNCRPD u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabilità;

O. billi, minkejja l-bosta konvenzjonijiet internazzjonali, leġiżlazzjonijiet u strateġiji tal-UE u nazzjonali, il-persuni b'diżabilità xorta għadhom mhux jipparteċipaw fis-soċjetà u jgawdu drittijiethom b'mod sħiħ; billi bi qbil mal-Artikolu 29 tal-UNCRPD, il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità tista' tinkiseb biss jekk ikunu inklużi fil-ħajja

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' April 2013, *HK Danmark*, Kawżi Magħquda C-335/11 u C-337/11, ECLI:EU:C:2013:222, punti 29-30; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 2014, *Z*, C-363/12, ECLI:EU:C:2014:159, punt 73; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Mejju 2014, *Glatzel*, C-356/12, , ECLI:EU:C:2014:350, punt 68.

politika u pubblika, fejn ta' spiss mhumiex rappreżentati biżżejjed;

P. billi r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni juri li hemm dewmien evidenti fl-implimentazzjoni tal-obbligi li jidderivaw mill-UNCRPD kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri; billi għad hemm sfidi u lakuni fil-qafas tal-istrateġija u hemm bżonn ta' perspettiva fit-tul għall-allinjament tal-politiki, il-liġijiet u l-programmi tal-Istati Membri;

Q. billi l-mudell ta' għajxien indipendenti, kif enfasizzat mll-UNCRPD, jissalvagwardja l-ogħla livell ta' aċċessibilità possibbli; billi l-aċċess għal servizzi oħrajn bħat-trasport aċċessibbli, u l-aċċess għall-attivitajiet kulturali u rikreattivi, huma wkoll komponent ta' għajxien ta' kwalità u jistgħu jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità;

R. billi huwa imperattiv li jkun hemm aċċess għas-suq tax-xogħol inklużiv u attiv peress li dan huwa wieħed mill-mezzi prinċipali għall-promozzjoni tal-indipendenza għall-persuni b'diżabilità; billi l-aċċess għas-suq tax-xogħol attwalment jammonta għal 58,5 % meta mqabbel ma' 80,5 % fost persuni mingħajr diżabilità, u ċerti gruppi jħabbtu wiċċhom ma' diffikultà addizzjonali abbażi tat-tip ta' diżabilità, u billi l-ekonomija soċjali tipprovdi għadd kbir ta' opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni b'diżabilità;

S. billi linji gwida aktar b'saħħithom fil-livell Ewropew u riżorsi adegwati, kif ukoll taħriġ fi kwistjonijiet ta' diżabilità jistgħu jsaħħu l-effikaċja u l-indipendenza tal-korpi li jippromwovu l-ugwaljanza fil-livell nazzjonali;

T. billi waħda mill-erba' prijoritajiet stabbiliti mill-Kummissjoni wara d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni ta' libertà u rispett għal oħrajn permezz tal-edukazzjoni, hija "t-trawwim tal-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ żvantaġġati, billi jiġi żgurat li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna jindirizzaw il-bżonnijiet tagħhom;

U. billi l-ispiża kumplessiva li tirriżulta jekk il-persuni b'diżabilità jinżammu barra mis-suq tax-xogħol hija ogħla minn dik li tirriżulta jekk ikunu inklużi fil-post tax-xogħol; billi dan jgħodd aktar u aktar għall-persuni bi ħtiġijiet ta' appoġġ multipli fejn il-membri tal-familja jafu jiġu sfurzati jsiru indokraturi;

V. billi l-għadd ta' persuni b'diżabilità b'impjieg jaf hu aktar baxx minn dak li tindika d-data, meta wieħed iqis li ħafna jaqgħu fil-kategorija ta' "mhux impjegabbli" jew jaħdmu fis-settur protett jew f'ambjenti aktar protetti, m'għandhomx l-istatus ta' impjegat f'ċerti Stati Membri u għaldaqstant ma jidhrux fid-data u l-istatistika uffiċjali;

W. billi l-impjegaturi jridu jiġu appoġġati u mħeġġa jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu awtonomizzati tul it-traġitt sħiħ mill-edukazzjoni sal-impjieg; billi, għal dan l-għan, is-sensibilizzazzjoni tal-imjegaturi hija mezz wieħed biex tiġi miġġielda d-diffikultà fir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità;

X. billi l-miżuri fuq il-post tax-xogħol huma kruċjali kemm għall-promozzjoni ta' saħħa mentali pożittiva kif ukoll għall-prevenzjoni tal-mard mentali u d-diżabilitajiet psikosoċjali;

Y. billi l-UE hija l-akbar donatur ta' għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja, u għandha rwol ewlieni fil-programmi ta' inklużjoni tal-persuni b'diżabilità;

Z. billi 75 % tal-persuni b'diżabilità serja fl-UE ma għandhomx l-opportunità li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol; billi kemm is-sottoimpjieg kif ukoll il-qgħad jistgħu jikkostitwixxu problema b'mod partikolari għall-persuni b'disturbi fl-ispettru awtistiku jew dawk li huma torox u li għandhom problemi ta' smigħ kif ukoll il-persuni għomja jew dawk torox-għomja;

AA. billi n-nuqqas ta' kapaċità legali jikkostitwixxi ostaklu sinifikanti fl-eżerċizzju tad-dritt tal-vot, inkluż fl-elezzjonijiet Ewropej, dment li d-diżabbiltà ma tinterferixxix mal-kapaċità tal-persuna b'diżabbiltà li jagħmel ġudizzju;

AB. billi 34 % tan-nisa bi problema tas-saħħa jew diżabilità esperjenzaw vjolenza fiżika jew sesswali mwettqa minn sieħeb tul ħajjithom;

AC. billi l-Artikolu 168(7) tat-TFUE jagħti lill-Istati Membri r-responsabilità li jiddefinixxu l-politiki tas-saħħa tagħhom u jipprovdu s-servizzi tas-saħħa, u dan juri l-importanza vitali tal-konsultazzjoni u l-involviment tal-Istati Membri sabiex l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità tirnexxi;

AD. billi l-Artikolu 25 tal-UNCRPD isaħħaħ id-dritt ta' persuni b'diżabilità li jiksbu l-ogħla standard tal-kura tas-saħħa li jista' jintlaħaq, mingħajr esklużjoni;

AE. billi l-persuni b'diżabilità huma partikolarment vulnerabbli għan-nuqqasijiet fis-servizzi tal-kura tas-saħħa, u dan iwassal għal imġiba ta' riskju għas-saħħa u rati ogħla ta' mwiet prematuri;

AF. billi n-nuqqas ta' mezzi sinifikanti ta' aċċessibilità fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea qed isir problematiku peress li l-istituzzjonijiet ma japplikawx il-prinċipju ta' aċċessibilità għat-testi kollha għal persuni mingħajr diżabilità, partikolarment għal dak li jirrigwarda t-traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali;

***L-oqsma ewlenin ta' azzjoni***

*L-aċċessibilità*

1. Jirrikonoxxi l-importanza li l-aċċessibilità tiġi definita u applikata b'mod olistiku, u l-valur tagħha bħala bażi għall-persuni b'diżabilità biex igawdu minn opportunitajiet ugwali u inklużjoni soċjali u parteċipazzjoni ġenwini fis-soċjetà, b'kont meħud tad-diversità tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u l-promozzjoni tal-importanza dejjem tikber ta' disinn għal kulħadd bħala prinċipju tal-UE;

2. Ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li tintegra d-diżabilità u tiżviluppa u tippromwovi l-aċċessibilità fl-oqsma ta' politika kollha, kemm fis-setturi pubbliċi kif ukoll f'dawk privati, u jirrakkomanda li jitwaqqfu unitajiet b'għarfien espert b'rabta mal-aċċessibilità fi ħdan il-ġerarkija tal-Kummissjoni bil-għan li jiġi vverifikat li dan id-dmir qed jitwettaq;

3. Jinsab imħasseb li l-monitoraġġ ta' xi atti leġiżlattivi, bħad-Direttiva dwar l-Aċċessibilità għall-Web[1] jew ir-Regolament dwar l-Aċċessibilità Ferrovjarja (TSI-PRM)[2], isir permezz ta' awtovalutazzjoni mill-industrija u l-Istati Membri u ma jsirx minn entità indipendenti; jirrakkomanda, għaldaqstant, li l-Kummissjoni ttejjeb il-valutazzjoni tal-konformità tagħha u tqis l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni dwar il-monitoraġġ sabiex ikun żgurat li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jiġu rrispettati, inkluż, pereżempju, fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004[3];

4. Ifakkar li l-implimentazzjoni tal-obbligi kollha relatati mal-aċċessibilità tirrikjedi finanzjament suffiċjenti fil-livell tal-UE, fil-livell nazzjonali u fil-livell lokali; jistieden lill-UE tiżgura li l-programmi ta' finanzjament kollha jkunu aċċessibbli, jimxu fuq approċċ ta' disinn għal kulħadd u jinkludu baġit separat għall-aċċessibilità; jistieden lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-investiment pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibilità tal-persuni b'diżabilità kemm għall-ambjent fiżiku kif ukoll għal dak diġitali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-aċċessibilità permezz ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-ICT u billi jappoġġaw l-inizjattivi relatati kollha, inklużi n-negozji l-ġodda li joperaw fil-qasam tas-sikurezza tal-persuni b'diżabilità;

6. Huwa favur l-istudju u l-użu tal-aħjar prattiki f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajxien indipendenti fl-UE;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li n-numru ta' emerġenza 112 ikun aċċessibbli totalment għall-persuni kollha b'kull tip ta' diżabilità, u li l-aspetti kollha tal-politiki u l-programmi għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri jkunu inklużivi u aċċessibbli għall-persuni kollha b'diżabilità;

8. Jinsab imħasseb minħabba li l-kundizzjonalità ex ante tal-akkwist pubbliku ta' xiri aċċessibbli qabel l-iffirmar ta' kuntratt pubbliku mhux qed tiġi implimentata b'mod suffiċjenti fil-livell nazzjonali; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, li jinħoloq portal, simili għal dak użat għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, bil-linji gwida kollha dwar l-aċċessibilità;

9. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-proċeduri għat-tressiq tal-ilmenti b'rabta mad-drittijiet tal-passiġġieri jsiru għalkollox aċċessibbli u adatti għall-persuni b'diżabilità, u li jingħataw numru ikbar ta' responsabbiltajiet ta' infurzar daqstant b'saħħithom lill-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar;

10. Jenfasizza, b'mod partikolari, li l-aċċessibilità hija prinċipju ċentrali tal-UNCRPD, u prekundizzjoni għall-eżerċizzju ta' drittijiet oħra minquxa fil-Konvenzjoni; jissottolinja li għadd konsistenti ta' petizzjonijiet imressqa minn ċittadini Ewropej jilmentaw dwar

---

[1] Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku, ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1.
[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110.
[3] Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ ta' imbark miċħud u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1.

in-nuqqas ta' aċċessibilità jew il-preżenza ta' ostakli arkitettoniċi; jenfasizza li d-dritt għall-aċċessibilità, kif definit fl-Artikolu 9 tal-UNCRPD, jrid jiġi implimentat b'mod komprensiv sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jaċċessaw l-ambjent tagħhom, it-trasport, il-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi, kif ukoll it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-aċċessibilità tkun prijorità għolja u tiġi integrata aħjar fl-oqsma ta' politika kollha marbuta mad-diżabilità;

*Il-parteċipazzjoni*

11. Jistieden lill-Istati Membri jeżaminaw modi kif issir ħidma lejn definizzjoni komuni ta' diżabilità;

12. Jilqa' l-progress miksub fir-rigward tat-Trattat ta' Marrakexx; josserva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-opinjoni tagħha tal-14 ta' Frar 2017, indikat li l-UE għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx, peress li l-korp tal-obbligi tat-Trattat ta' Marrakexx jaqa' f'qasam li fil-biċċa l-kbira diġà huwa kopert minn regoli komuni tal-UE; jirrakkomanda li l-UE u l-Istati Membri jistabbilixxu pjan ta' azzjoni biex jiżguraw li dan jiġi implimentat bis-sħiħ; jistieden lill-UE ma tirratifikax l-opzjoni li tikkonċerna l-piż ekonomiku;

13. Huwa tal-fehma li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, b'mod partikolari fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, iridu jirrispettaw il-UNCRPD u jenħtieġ li jkomplu jrawmu d-deistituzzjonalizzazzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità u li barra minn hekk, jenħtieġ li jiffinanzjaw servizzi ta' appoġġ biex jippermettu li l-persuni b'diżabilità jgawdu d-dritt li jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità; jemmen li l-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-kondizzjonalitajiet ex ante dwar it-tranżizzjoni minn servizzi istituzzjonali għal servizzi bbażati fil-komunità, li jridu jkunu konkreti u vverifikati fir-rigward tal-kwalità b'mod kontinwu u trasparenti; jemmen li l-proposti għal proġetti ffinanzjati mill-UE, inklużi dawk fil-qafas tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u s-self mill-Bank Ewropew tal-Investiment jenħtieġ li jirrispettaw ir-regoli tal-aċċessibilità permezz ta' approċċ ta' disinn għal kulħadd; iqis li wieħed ma jistax jiddependi biss fuq l-istrumenti finanzjarji sabiex jinkisbu dawn l-objettivi;

14. Jenfasizza li hemm ħtieġa li jiġi żgurat aċċess liberu għal komunikazzjoni li jkun adatt għat-tip ta' diżabilità, u jenfasizza li dan huwa ta' importanza vitali f'dak li jikkonċerna l-parteċipazzjoni ċivika tal-persuni b'diżabilità;

15. Jinsab imħasseb dwar l-ostakoli għall-parteċipazzjoni li l-persuni taħt tutela u dawk li jgħixu f'istituzzjonijiet iħabbtu wiċċhom magħhom fl-Ewropa, u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-persuni mċaħħda mill-kapaċità ġuridika tagħhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha minquxa fit-trattati u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-parteċipazzjoni billi jaċċelleraw il-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni u jissostitwixxu t-teħid ta' deċiżjonijiet sostituttiv b'teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat;

16. Jenfasizza l-fatt li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jsofru minn diffikultà doppja minħabba l-intersezzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità, u ħafna drabi jistgħu saħansitra jkunu esposti

għal diffikultà multipla li tirriżulta mill-intersezzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità mal-orjentazzjoni sesswali, l-età u r-reliġjon;

17. Itenni li n-nisa b'diżabilità ta' spiss ikunu f'pożizzjoni aktar żvantaġġata mill-kontropartijiet irġiel tagħhom u jkunu aktar ta' spiss f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali;

18. Ifakkar li l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost il-persuni b'diżabilità hija marbuta mill-qrib mal-kwistjoni tat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-membri tal-familja li ta' sikwit jaġixxu ta' indokraturi mhux imħallsa u ma jitqisux bħala persuni impjegati; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri jippreżentaw strateġiji nazzjonali ta' appoġġ għall-indokraturi informali, li fil-maġġoranza taghom huma nisa qraba ta' persuni b'diżabilità;

19. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li dawk l-indokraturi f'ambitu tal-familja, jingħataw status soċjali sħiħ;

20. Jenfasizza li l-għadd ta' anzjani qiegħed jikber u li, skont id-WHO, il-prevalenza tad-diżabilità hija ogħla fost in-nisa, li huma affettwati b'mod partikolari minn dan il-fenomenu minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li, għalhekk, se jkun hemm żieda proporzjonali fin-numru ta' nisa b'diżabilità;

21. Jenfasizza l-valur ta' mikrostrumenti finanzjarji għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu dawn l-istrumenti disponibbli aktar faċilment għan-nisa b'diżabilità;

22. Jenfasizza li, bl-għan li jiġi żgurat għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabilità, huwa meħtieġ li jingħata appoġġ lir-riċerka u l-innovazzjoni mmirati lejn l-iżvilupp ta' prodotti li jgħinu lill-persuni b'diżabilità fl-attivitajiet ta' kuljum tagħhom;

*L-ugwaljanza*

23. Jenfasizza li l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni jinsabu fil-qalba tal-Istrateġija dwar id-Diżabilità;

24. Jinsab allarmat bid-data eżistenti dwar id-diskriminazzjoni u l-abbuż ta' persuni b'diżabilità; għadu mħasseb bil-każijiet ta' sottorappurtar minħabba l-inaċċessibilità ta' mekkaniżmi ta' lment u ta' rappurtar, u nuqqas ta' fiduċja u sensibilizzazzjoni fir-rigward tad-drittijiet; jinsisti li jenħtieġ li tinġabar data diżaggregata skont il-ġeneru u jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' metodu ġdid għall-ġbir tad-data, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet ta' imbark miċħud u rifjut ta' assistenza jew assistenza mhux disponibbli;

25. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza kollha għandhom mandat fil-qasam tad-diżabilità, riżorsi adegwati u l-indipendenza biex jipprovdu l-assistenza meħtieġa lill-vittmi ta' diskriminazzjoni, u jiżguraw li kwalunkwe estensjoni tal-mandat tagħhom tkun akkumpanjata minn żieda fir-riżorsi umani;

26. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiffinanzjaw taħriġ u jiżviluppaw mudelli ta' prattika tajba minn u għall-persuni b'diżabilità, l-organizzazzjonijiet tagħhom, it-

trejdjunjins, il-federazzjonijiet tal-impjegaturi, il-korpi tal-ugwaljanza u l-impjegati taċ-ċivil dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali, u akkomodazzjoni raġonevoli;

*L-impjieg*

27. Jenfasizza li l-aċċess għas-suq tax-xogħol huwa kwistjoni olistika li tirrikjedi l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ li jirriżultaw f'sitwazzjoni favorevoli kemm għall-individwu kif ukoll għall-impjegatur, filwaqt li tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali u li jenħtieġ li jinkludu proċeduri ta' reklutaġġ aċċessibbli, trasport aċċessibbli minn u lejn il-post tax-xogħol, progress fil-karriera, taħriġ kontinwu, kif ukoll akkomodazzjoni raġonevoli u postijiet tax-xogħol aċċessibbli; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-Kompendju ta' prattiki tajbin dwar l-impjieg appoġġat għall-persuni b'diżabilità fl-UE u fl-EFTA ŻEE;

28. Jiddispjaċih li ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni fi ħdan il-qafas tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi[1], u dan ġie kkritikat mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; ifakkar li l-ewwel artikolu tad-Direttiva dwar it-trattament ugwali fl-impjiegi jipprojbixxi kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità;

29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li n-nases tal-benefiċċji ma jikkostitwixxux ostaklu għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, u jitlob is-separazzjoni tal-benefiċċji relatati mad-diżabilità mill-appoġġ għad-dħul b'kont meħud tal-kura addizzjonali u l-ħtiġijiet l-oħra li l-persuni b'diżabilità jista' jkollhom, sabiex ikunu jistgħu jgħixu ħajja dinjituża u jgawdu minn aċċess għas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jiżguraw li l-benefiċċji relatati mad-diżabilità ma jiġux irtirati minħabba raġunijiet ta' impjieg;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-intrapriżi soċjali f'konformità mal-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Bratislava u tad-Dikjarazzjoni ta' Madrid dwar l-Ekonomija Soċjali bħala sors importanti ta' opportunitajiet ta' impjieg għal persuni b'diżabilità;

31. Jenfasizza l-importanza tar-riintegrazzjoni u r-riabilitazzjoni effettivi kif ukoll tal-miżuri ta' attivazzjoni u ta' żamma f'soċjetà li qed tixjieħ, li jagħtu lok sabiex in-nies jerġgħu lura x-xogħol jew jibqgħu jaħdmu wara marda jew diżabilità fiżika, mentali jew emozzjonali;

32. Ifakkar li t-tfigħ tal-piż finanzjarju tal-assistenza fuq il-persuni b'diżabilità u s-sħab tagħhom inaqqas mhux biss id-dħul attwali tagħhom imma anki l-prospetti ta' impjieg u d-dħul tagħhom meta jixjieħu;

33. Jifhem li l-miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inklużi l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, bħax-xogħol intelliġenti, it-telexogħol u s-sigħat tax-xogħol flessibbli jistgħu jkunu ta' ġid għall-persuni b'diżabilità u pożittivi għas-saħħa mentali, filwaqt li jiżguraw sigurtà u stabbilita għal kulħadd, iżda jinsab imħasseb minħabba li l-ambjenti

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol, ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

tax-xogħol diġitali jaf joħolqu ostakli ġodda jekk ma jkunux aċċessibbli u jekk ma tkunx provduta akkomodazzjoni raġonevoli;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-prattiki tajbin u ħżiena f'rapporti futuri biex tippermetti lil min iħaddem jimplimenta b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni dwar id-diżabilità;

35. Jinsab imħasseb minħabba li f'xi Stati Membri, il-persuni b'diżabilità li jaħdmu f'workshops protetti mhumiex rikonoxxuti formalment bħala ħaddiema skont il-liġi, jitħallsu inqas mill-paga minima u mhumiex intitolati għall-istess vantaġġi soċjali li jgawdu l-ħaddiema regolari;

36. Jinsab partikolarment imħasseb dwar iż-żgħażagħ b'diżabilità u dawk li ilhom qiegħda għal perjodu itwal ta' żmien; jistieden lill-Istati Membri jaħdmu lejn l-inklużjoni taż-żgħażagħ b'diżabilità fis-suq tax-xogħol bħala kwistjoni ta' prijorità, pereżempju, billi jistabbilixxu ċentri ta' konsulenza għall-karriera speċjali sabiex jagħtu pariri lill-istudenti u ż-żgħażagħ qiegħda dwar il-karrieri futuri tagħhom, jew bħala parti mill-programm ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ;

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippromwovu d-diversità bħala argument għall-vijabbiltà u jinkoraġġixxu karti tad-diversità li jippromwovu l-valur miżjud tal-persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol;

38. Jistieden lill-UE tiżgura li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom ikunu inklużi fil-pakkett propost dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

*L-edukazzjoni u t-taħriġ*

39. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li ħafna tfal b'diżabilità fi Stati Membri differenti tal-UE għadhom esklużi mill-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità minħabba, pereżempju, politiki ta' segregazzjoni kif ukoll minħabba numru ta' ostakli arkitettoniċi, li jikkostitwixxi diffikultà għat-tfal u ż-żgħażagħ b'diżabilità;

40. Jenfasizza li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma essenzjali għall-impjegabilità tal-persuni b'diżabilità u li l-impjegaturi jenħtieġ li jkunu involuti fil-proċess sabiex jintegraw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, anki, iżda mhux esklużivament, billi jitqiesu l-benefiċċji possibbli tat-teknoloġiji l-ġodda f'oqsma bħalma huma t-tiftix ta' impjieg, l-iżvilupp personali u t-tisħiħ tal-indipendenza;

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jneħħu l-ostakoli ġuridiċi, fiżiċi u organizzattivi għall-persuni b'diżabilità kollha sabiex jiġu garantiti s-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva u tagħlim tul il-ħajja;

42. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiżguraw akkomodazzjoni raġonevoli għat-trainees, u jeżiġi li l-proċeduri tal-applikazzjoni għat-traineeships ikunu aċċessibbli u li jiġu offruti traineeships speċifiċi għall-persuni b'diżabilità, inklużi traineeships abbażi ta' inċentivi għall-impjegaturi;

43. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li Erasmus + u programmi

oħra għaż-żgħażagħ, bħalma huma l-Iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ikunu kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità permezz ta' akkomodazzjoni raġonevoli individwalizzata u li l-informazzjoni dwar id-drittijiet ta' aċċessibilità tagħhom tkun disponibbli għall-persuni b'diżabilità sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom; jirrakkomanda, għal dan l-għan, li l-għodod eżistenti, bħalma huma dawk previsti, pereżempju, fil-pjattaforma ta' mobilità inklużiva MappED! jiġu mmassimizzati;

44. Jiddispjaċih li l-aġenda l-ġdida għall-ħiliet ma tinkludix mira speċifika għall-persuni b'diżabilità; jenfasizza li s-sottoimpjieg u d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol attwali tal-persuni b'diżabilità ukoll huma ħela ta' ħiliet ta' valur; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tqis il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità fl-inizjattivi futuri kollha relatati mal-ħiliet;

45. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri effettivi mmirati biex jindirizzaw is-segregazzjoni u r-rifjut tal-istudenti b'diżabilità fl-iskejjel u fl-ambjenti tat-tagħlim, u jiżviluppaw, f'dan il-kuntest, programmi nazzjonali ta' tranżizzjoni biex jiġu żgurati edukazzjoni inklużiva u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità, kemm formali kif ukoll mhux formali, inkluż għall-persuni b'diżabilità li jeħtieġu livell għoli ta' appoġġ, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-UNCRPD;

46. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-persunal edukattiv, b'mod partikolari biex jingħata appoġġ lill-persuni bi ħtiġijiet kumplessi;

47. Jirrakkomanda li jsir użu aħjar mill-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva sabiex il-mandat eżistenti tagħha jiġi mmassimizzat;

48. Jenfasizza li huwa essenzjali li l-għalliema u dawk li jħarrġu jiġu mħejjija biex jaħdmu mat-tfal b'diżabilità u li jingħataw appoġġ adegwat; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jfasslu edukazzjoni inklużiva, taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu għall-għalliema u għal dawk li jħarrġu, b'kontribut mingħand varjetà ta' partijiet interessati, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità u l-professjonisti b'diżabilità;

49. Jitlob, fid-dawl tar-rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola fost iż-żgħażagħ b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali, l-esplorazzjoni ulterjuri tal-opportunitajiet offruti mit-tagħlim tul il-ħajja u l-għoti ta' alternattivi attraenti; iqis li l-promozzjoni ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja għall-persuni b'diżabilità hija parti vitali mill-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità;

50. Jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-edukazzjoni inklużiva u t-tagħlim tul il-ħajja bejn l-għalliema, il-persunal, il-korpi governattivi, l-istudenti u t-tfal tal-iskola b'diżabilità;

51. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li, minkejja t-titjib, il-persuni b'diżabilità għadhom f'riskju għoli ta' qgħad u li inqas minn 30 % spiċċaw l-edukazzjoni terzjarja jew edukazzjoni ekwivalenti, meta mqabbla ma' 40 % għall-persuni mingħajr diżabilità; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet li ż-żgħażagħ b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali jiltaqgħu

magħhom matul it-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni sekondarja u universitarja u/jew mit-taħriġ vokazzjonali għall-impjieg;

52. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet pubbliċi u lill-kumpaniji tal-UE jimplimentaw politiki favur id-diversità u l-Karti tad-Diversità nazzjonali;

53. Jenfasizza li ż-żgħażagħ b'diżabilità jipparteċipaw inqas fl-attività fiżika minn żgħażagħ bħalhom mingħajr diżabilità u li l-iskejjel għandhom rwol importanti fl-adozzjoni ta' stil ta' ħajja san; jenfasizza, għalhekk, kemm hu importanti li titrawwem il-parteċipazzjoni ikbar taż-żgħażagħ b'diżabilità fl-attivitajiet fiżiċi; jistieden lill-Istati Membri biex ineħħu b'ħeffa l-ostakli kollha eżistenti li jxekklu l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità jew tal-persuni bi bżonnijiet speċjali fl-attivitajiet sportivi;

54. Ifakkar fil-ħtieġa li jitnaqqas id-distakk diġitali u li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jibbenefikaw bis-sħiħ mill-Unjoni Diġitali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, kemm hu importanti li jittejbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari permezz ta' proġetti finanzjati mill-programm Erasmus+, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini vulnerabbli – inklużi l-persuni b'diżabilità – online, permezz ta' miżuri effiċjenti kontra d-diskors ta' mibegħda, il-bullying ċibernetiku u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni online u billi jipprovdu aktar edukazzjoni fil-litteriżmu diġitali u medjatiku bħala parti mill-edukazzjoni kemm mhux formali kif ukoll formali; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jagħmlu l-għodda teknoloġiċi edukattivi adegwati disponibbli mingħajr ħlas għat-tfal b'diżabilità, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ;

*Il-protezzjoni soċjali*

55. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istrateġija tal-UE tad-Diżabilità 2030 tinkludi azzjonijiet speċifiċi għall-promozzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali inklużivi fl-UE kollha, li jiggarantixxu l-aċċess għall-benefiċċji u s-servizzi għall-persuni b'diżabilità tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu bażi ta' protezzjoni soċjali għal persuni b'diżabilità, li jiżguralhom standard ta' għajxien adegwat;

56. Jistieden lill-koleġiżlaturi jikkunsidraw l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità bħala grupp fil-mira speċifika fir-Regolament dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali[1];

57. Iħeġġeġ lill-Istati Membri japplikaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku meta jwettqu l-valutazzjoni u d-determinazzjoni tagħhom ta' diżabilità, u dan jenħtieġ li jsegwi u ma jridx jikkompromettì l-mudell ta' diżabilità tal-UNCRPD ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jitqiesu l-ostakli ambjentali u soċjetali li persuna tiltaqa' magħhom u bl-involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha sabiex jiġi żgurat li l-istandards tal-għajxien tal-persuni b'diżabilità ma jiġux ipperikolati, pereżempju, mill-programmi ta' aġġustament ekonomiku;

58. Jirrakkomanda li l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-fondi soċjali futuri tal-UE jintużaw mhux biss għal

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1.

miżuri ta' attivazzjoni tal-impjieg, iżda anki għall-inklużjoni soċjali; jenfasizza l-importanza tar-riabilitazzjoni bħala mezz ta' inklużjoni soċjali biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jibqgħu attivi fi ħdan il-komunità;

59. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu miżuri speċifiċi, bħall-għoti ta' assistenza finanzjarja u kura ta' serħan, għall-promozzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali inklużivi madwar l-UE li jiggarantixxu standard ta' għajxien adegwat, benefiċċji u aċċess għas-servizzi għall-persuni kollha b'diżabilità tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja;

60. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li d-deistituzzjonalizzazzjoni qatt ma twassal biex il-persuni b'diżabilità jispiċċaw bla dar minħabba nuqqas ta' akkommodazzjoni adegwata u/jew aċċessibbli biex tingħata l-kura fil-komunità;

*Is-saħħa*

61. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu edukazzjoni u taħriġ xierqa għall-professjonisti fil-kura medika dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-pazjenti b'diżabilità;

62. Huwa mħasseb dwar il-ksur, inkluż ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fis-servizzi tas-saħħa mentali u tal-kura, li f'ħafna każijiet kellhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità tas-servizzi pprovduti, u jinnota li dawk is-servizzi jridu jkunu ffokati fuq l-irkupru, iffinanzjati b'mod xieraq u pprovduti skont mudell ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem;

63. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw servizzi tas-saħħa mentali li jirrispettaw il-kapaċità ġuridika u li jirrikjedu li tkun il-persuna b'diżabilità nfisha, u mhux persuna oħra li tieħu d-deċiżjonijiet minflokha, li tagħti l-kunsens infurmat għat-trattament u għall-ammissjoni fl-isptar, filwaqt li jitqiesu wkoll miżuri ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'mod assistit;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-saħħa elettronika u s-servizzi tas-saħħa u tal-kura jkunu kompletament aċċessibbli u jkunu jistgħu jintużaw b'mod sikur mill-persuni kollha b'diżabilità, inklużi dawk b'diżabilitajiet intellettwali u ħtiġijiet kumplessi, u mill-membri tal-familja tagħhom;

65. Jiġbed l-attenzjoni lejn kemm hu urġenti li jiġi indirizzat in-nuqqas ġenerali ta' aċċess għal kura speċjalizzata multidixxiplinarja għall-persuni b'diżabilità u, fejn din teżisti, li jiġi indirizzat ukoll iż-żmien twil li l-pazjenti jkollhom jistennew, bħala ostaklu mill-akbar għall-aċċess ugwali għall-prevenzjoni u t-trattament għall-kura tas-saħħa, li spiss jirriżulta fid-deterjorament tal-kondizzjoni tal-pazjent b'diżabilità u f'piż li jkun seta' jiġi evitat fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa;

66. Jirrimarka li s-sistemi tal-kura tas-saħħa għandhom jiżguraw id-detezzjoni, ir-rappurtar u l-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali u/jew l-abbuż sesswali;

67. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-għadd ta' servizzi ta' valutazzjoni u ta' valutazzjoni mill-ġdid multidixxiplinarji għall-adulti b'diżabilità, bil-għan li jiġu żviluppati pjanijiet imfassla apposta li jkunu jistgħu jiġu implimentati billi jintużaw riżorsi territorjali (bħal servizzi fid-djar/ta' kura matul il-jum/residenzjali) li jissodisfaw ir-rekwiżiti bijopsikosoċjali identifikati;

68. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-qafas tan-Netwerks Ewropej ta' Referenza sabiex jiżviluppaw kura tas-saħħa multidixxiplinarja u speċjalizzata għall-persuni b'diżabilità b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, għal dawk b'diżabilità rari, u sabiex jespandu l-aċċess għal tali kura tas-saħħa;

69. Jenfasizza n-nuqqas ta' attenzjoni fir-rigward tad-diżabilitajiet min-naħa tal-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Forza tax-Xogħol tal-UE fil-Qasam tal-Kura tas-Saħħa u l-aġenda tal-UE dwar sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti, peress li mhumiex trattati b'mod speċifiku fiż-żewġ testi;

70. Jenfasizza s-suċċess tat-tieni Azzjoni Konġunta dwar id-Demenzja, filwaqt li jittama li, għall-perjodu tat-tliet snin li jmiss, se jiġu żborżati fondi addizzjonali mill-kumpaniji farmaċewtiċi li jieħdu sehem fl-Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi;

71. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq strateġija rigward l-assistenza ta' persuni b'diżabilità serja wara l-mewt ta' qraba tagħhom li kienu jieħdu ħsieb il-kura ta' kuljum tagħhom (ara l-liġi Taljana adottata reċentement "dopo di noi");

72. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq analiżi bir-reqqa tal-lakuni li jeżistu bejn l-Osservazzjonijiet Konklużivi tan-Nazzjonijiet Uniti u r-rapport ta' progress tagħha stess, speċifikament fir-rigward tal-qasam tal-prijorità tas-saħħa tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità;

73. Jitlob promozzjoni konsistenti tal-għoti ta' kura ostetriċja lokali bħala servizz pubbliku fl-Istati Membri, sabiex jitnaqqsu l-każijiet ta' diżabilità li jirriżultaw minn kumplikazzjonijiet fit-twelid u jkun żgurat twelid sikur kemm għall-ommijiet kif ukoll għat-trabi, b'konformità mal-Lista ta' Kontroll tat-Twelid Sikur tal-WHO;

74. Huwa mħeġġeġ mill-progress li sar fis-settur Ewropew tat-telemediċina, li għandu l-potenzjal jibdel b'mod fundamentali l-kapaċità ta' persuni b'diżabilità biex jaċċedu għas-servizzi; jemmen, barra minn hekk, li l-użu tat-teknoloġija 4G, l-introduzzjoni tal-5G u l-firxa tal-Internet tal-Oġġetti se jwasslu għal titjib fl-għoti tal-kura tas-saħħa għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-settur Ewropew tat-teknoloġija tas-saħħa ma jkunx mgħobbi b'regolamentazzjoni eċċessiva u jkollu aċċess adegwat għall-finanzjament;

*L-obbligi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE*

75. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jagħmlu l-funzjonalità, il-kontenut, id-dokumenti, il-vidjows u s-servizzi tal-web tas-siti web esterni u interni tagħhom aċċessibbli, inklużi l-konsultazzjonijiet pubbliċi, u jippubblikaw ir-rapporti ta' osservanza u konformità fir-rigward tal-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet u l-obbligi dwar l-aċċessibilità tal-web;

76. Jiddispjaċih li l-proġett INSIGN li jippermetti komunikazzjoni indipendenti għall-persuni torox u dawk neqsin mis-smigħ matul l-interazzjoni tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE billi jiġu konnessi ma' interpreti tal-lingwa tas-sinjali u persuni responsabbli mid-didaskalija fl-Istati Membri għadu ma ġiex implimentat, minkejja li l-Kummissjoni ffinanzjat l-iżvilupp tal-prototip tal-pjattaforma ta' servizz, li ġie ttestjat

b'suċċess fil-Parlament Ewropew fl-2014;

77. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex, fuq talba sempliċi, jagħmlu l-laqgħat pubbliċi kollha tagħhom aċċessibbli, inkluż permezz ta' provvediment ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, didaskalija mid-diskors għat-test u dokumenti pprovduti bil-Braille, kif ukoll permezz ta' metodi ta' komunikazzjoni awmentattivi u alternattivi oħrajn u l-aċċessibilità fiżika tal-bini tagħhom; jirrikonoxxi d-diffikultajiet biex jiġu pprovduti sottotitoli għax-xandir bi streaming kollu u l-vidjows kollha tal-laqgħat; jitlob, madankollu, lill-istituzzjonijiet ikomplu jimmonitorjaw l-iżviluppi teknoloġiċi f'dan il-qasam sabiex tittejjeb l-aċċessibilità fil-futur;

78. Jagħti parir lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jagħtu prijorità lill-interpretazzjoni minn u għal-lingwa/lingwi nazzjonali tas-sinjali pjuttost milli l-Lingwa Internazzjonali tas-Sinjali, b'konformità mal-politika tal-UE dwar il-multilingwiżmu;

79. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-elezzjonijiet tagħhom tal-Parlament Ewropew ikunu aċċessibbli u jkunu jinkludu lil dawk li attwalment qed jgħixu f'istituzzjonijiet u/jew taħt tutela;

80. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' proċessi elettorali aċċessibbli u inklużivi għall-persuni b'diżabilità, speċjalment għall-persuni b'diżabilitajiet mentali/intellettwali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri; Iħeġġeġ lill-Parlament Ewropew jiżgura li l-materjali ta' komunikazzjoni tagħhom dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ikunu kompletament aċċessibbli;

81. Jistieden lill-iskejjel, il-faċilitajiet għall-indokrar tat-trabi u ċ-ċentri ta' wara l-iskola Ewropej jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità, inklużiva u konformi mal-UNCRPD għat-tfal kollha tal-persunal tal-UE, inklużi dawk bi bżonnijiet ta' appoġġ kumplessi jew ta' livell għoli;

82. Jistieden lill-UE tiffaċilita l-provvediment ta' akkomodazzjoni raġonevoli u forom oħra ta' appoġġ għall-impjieg, bħax-xogħol intelliġenti għall-impjegati, inkluż għall-assistenti parlamentari akkreditati b'diżabilità fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli konġunti, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni, ir-rappreżentanza tal-persuni b'diżabilità, l-aċċessibilità u l-prattiki tar-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard tagħha biex iġġibu konformi mal-UNCRPD;

84. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE jistabbilixxu punti fokali, u jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' koordinament interistituzzjonali orizzontali fid-Direttorati Ġenerali u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jitlob li l-arranġamenti meħtieġa sabiex dan jinkiseb, ikunu jiffurmaw parti minn strateġija ta' implimentazzjoni tal-UNCRPD;

85. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet jadottaw politiki komprensivi ta' reklutaġġ, żamma u promozzjoni, inklużi miżuri pożittivi temporanji, biex iżidu b'mod attiv u sostanzjali l-għadd ta' uffiċjali jew persunal u trainees b'diżabilità, inklużi diżabilitajiet psikosoċjali u intellettwali b'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78/KE;

86. Ifakkar fir-rwol tal-Intergrupp dwar id-Diżabilità tal-Parlament Ewropew għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità, skont il-Konvenzjoni tan-NU, bħala pjattaforma li ġġib flimkien membri parlamentari Ewropej u nazzjonali u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet u tas-soċjetà ċivili, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak lokali; jinnota li l-Intergrupp huwa forum privileġġat għat-tħeġġiġ tad-diskussjonijiet u d-dibattiti sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istrateġija;

87. Jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkonsultaw bis-sħiħ u jinvolvu b'mod effettiv lill-membri tal-persunal u lill-Membri b'diżabilità fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-prattiki, tal-politiki u tar-regoli interni tagħhom, inklużi r-Regolamenti tal-Persunal u d-dispożizzjonijiet dwar l-akkommodazzjoni raġonevoli u l-aċċessibilità;

***Il-lakuni fir-rapport ta' progress vis-à-vis l-Osservazzjonijiet Konklużivi***

88. Jiddispjaċih li s-siti web tal-istituzzjonijiet tal-UE ma jikkonformawx mal-istandards tal-aċċessibilità tal-livell AAA; jistieden lill-Istituzzjonijiet jikkonformaw kemm jista' jkun malajr;

89. Jinnota l-progress li sar f'dik li hi aċċessibilità ferrovjarja; jitlob l-istess livell ta' regolamenti tal-aċċessibilità għall-modi tat-trasport l-oħra kollha, inkluż l-ivvjaġġar bl-ajru, bl-għan li jissolvew il-kunflitti bejn is-sikurezza u l-aċċessibilità;

90. Jinnota li d-Direttiva Orizzontali dwar it-Trattament Ugwali ma ġietx indirizzata fir-Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni;

91. Jinnota li sa issa l-Kummissjoni għadha ma wettqitx rieżami komprensiv u trasversali tal-leġiżlazzjoni tagħha sabiex tiżgura l-armonizzazzjoni sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCRPD;

92. Jilqa' l-lista aġġornata ta' strumenti, inklużi l-istrumenti li ġew adottati reċentement, iżda jiddispjaċih li d-dikjarazzjoni tal-kompetenzi ma ġietx riveduta u li l-lista ta' strumenti ma tinkludix strumenti li ma jirreferux b'mod speċifiku għall-persuni b'diżabilità, iżda huma xorta waħda rilevanti għall-persuni b'diżabilità;

93. Ifaħħar l-iffirmar min-naħa tal-UE tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), u jistieden lill-Kunsill biex jirratifikaha malajr;

94. Jiddispjaċih li l-politiki Ewropej attwali dwar id-drittijiet tat-tfal ma jinkludux b'mod suffiċjenti strateġija komprensiva bbażata fuq id-drittijiet għas-subien u l-bniet b'diżabilità jew salvagwardji biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom, u li l-istrateġiji tad-diżabilità ma jindirizzawx u ma jintegrawx biżżejjed id-drittijiet tas-subien u l-bniet b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni, b'konformità mal-UNCRPD u mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), tagħti attenzjoni partikolari lit-tfal b'diżabilità; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' mudelli eżemplari għan-nisa u l-bniet b'diżabilità;

95. Jinnota li l-UE għadha ma organizzatx kampanja komprensiva biex trawwem sensibilizzazzjoni għall-UNCRPD u biex tiġġieled il-preġudizzju kontra l-persuni

b'diżabilità;

***Lejn Strateġija tad-Diżabilità komprensiva u effettiva 2030***

*Il-kwistjonijiet orizzontali*

96. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi miżuri relatati mal-integrazzjoni mill-ġdid u r-riabilitazzjoni effettivi biex jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-effetti ta' marda jew diżabilità fiżika, mentali jew emozzjonali fuq il-kapaċità tal-qligħ ta' persuna;

97. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe strateġija futura u l-proċess ta' konsultazzjoni relatat magħha għandhom ikunu trasparenti, jinftiehmu u aċċessibbli għalkollox, u jinkludu indikaturi u punti ta' riferiment ċari;

98. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-Istrateġija tad-Diżabilità futura tkun koerenti ma' inizjattivi u strateġiji oħrajn tal-UE, sabiex jitrawmu l-impjiegi u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari n-nisa;

99. Jirrakkomanda li l-istrateġija wara l-2020 tinkludi l-akkwist pubbliku u l-istandardizzazzjoni bħala kwistjonijiet orizzontali li jżidu l-impjegabilità tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll sabiex jiġu promossi l-ġbir u l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri;

100. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodda ta' valutazzjoni aċċessibbli b'monitoraġġ kontinwu, inklużi indikaturi speċifiċi u objettivi tanġibbli;

101. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, b'segwitu għar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-UE, jadottaw miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet b'diżabilità;

102. Jirrakkomanda li l-istrateġija futura tinkludi r-rwol essenzjali tas-servizzi ta' appoġġ għat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem mill-persuni b'diżabilità;

103. Jirrakkomanda li l-istrateġija futura tinkludi kwistjonijiet li jirrigwardaw it-taħriġ tal-persunal, li huma fundamentali sabiex jingħata appoġġ skont il-prinċipji tal-UNCRPD;

*Oqsma addizzjonali ta' azzjoni*

104. Jenfasizza li jrid isir aktar biex jingħelbu l-istereotipi u l-preġudizzji dwar id-diżabilità fil-media sabiex jinbidlu n-normi soċjali prevalenti ta' esklużjoni; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jinvestu f'inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkunu rappreżentati bħala ċittadini ugwali sabiex jiġu miġġielda l-istereotipi dwar id-diżabilità;

105. Jinnota l-intersezzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u d-diżabilità, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kunsens infurmat dwar l-użu tal-kontraċettivi, l-isterilizzazzjoni furzata u l-aċċess għad-drittijiet riproduttivi; jistieden lill-Istati Membri jqisu l-ħtieġa li jevalwaw il-leġiżlazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward;

106. Iħeġġeġ lill-UE tintegra d-drittijiet tat-tfal b'diżabilità fl-oqsma kollha tal-istrateġija

futura;

107. Jirrikonoxxi li l-kapaċità ġuridika hija wieħed mill-prerekwiżiti għat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt tal-vot, u li kwalunkwe strateġija ġdida trid tirsisti sabiex ħadd ma jiġi mċaħħad mill-kapaċità ġuridika abbażi tad-diżabilità fl-oqsma kollha tal-ħajja; jenfasizza, għal dan l-għan, li l-UE għandha tiżgura li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha minquxa fit-trattati u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, bħall-aċċess għall-ġustizzja, il-prodotti u s-servizzi, inklużi s-servizzi bankarji, l-impjiegi u l-kura tas-saħħa, kif ukoll il-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej u d-drittijiet tal-konsumatur b'konformità mal-Konvenzjoni, u tinkoraġġixxi miżuri nonkoerċittivi u teħid ta' deċiżjonijiet b'appoġġ bi qbil mal-UNCRPD;

108. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tinkludi l-miżuri kollha possibbli fl-istrateġija l-ġdida biex tiżgura l-libertà u s-sigurtà tal-persuni kollha b'kull tip ta' diżabilità b'konformità mal-Konvenzjoni u l-Kumitat tal-UNCRPD;

109. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni żżomm il-prinċipju tas-sħubija fir-regolamenti futuri dwar il-finanzjament u tiżgura li dan jiġi rispettat bis-sħiħ;

110. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-involviment strutturali tal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fil-proċessi kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, u tiffinanzja l-bini ta' kapaċità tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod strutturali fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernawhom; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jagħtu taħriġ dwar l-UNCRPD biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu konxji mid-drittijiet tagħhom sabiex id-diskriminazzjoni tkun tista' tiġi evitata;

111. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri jiddiżaggregaw id-data skont it-tipi ta' diżabilità, u jaħdmu mill-qrib mal-Eurostat biex jiġbru data komparabbli dwar id-diżabilità f'oqsma differenti, li tkun tinkludi l-persuni li jgħixu fl-istituti, filwaqt li l-istrateġija dwar id-diżabilità tiġi konnessa mal-proċess tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

112. Jenfasizza l-ħtieġa ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi komparabbli li jistgħu jitkejlu, inkluż dwar l-aċċessibilità, l-ugwaljanza, l-impjieg, il-protezzjoni soċjali, is-saħħa, l-eżiti tal-iskola u l-għadd ta' studenti f'edukazzjoni inklużiva;

113. Jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilitajiet intellettwali huma partikolarment vulnerabbli għal diskriminazzjoni u abbuż, u sikwit jitpoġġew f'istituti, mingħajr ebda aċċess għall-edukazzjoni u mingħajr ebda awtodeterminazzjoni;

114. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonali biex jilħqu lil dawk l-aktar vulnerabbli, bħalma huma l-persuni b'diżabilità mingħajr saqaf fuq rashom;

115. Jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tal-UNCRPD b'konformità mal-Artikolu 33 tagħha u b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-

persuni b'diżabilità;

116. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jallokaw riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti u stabbli għall-oqfsa ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 33(2) tal-UNCRPD sabiex dawn iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti;

117. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi riżorsi adegwati lill-Qafas ta' Monitoraġġ tal-UE, sabiex dan ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod indipendenti u adegwat;

118. Ifakkar li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI) kull sena jirċievi għadd konsiderevoli ta' petizzjonijiet li jkunu jirreferu għad-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabilità madwar l-UE kollha fl-attivitajiet tagħhom ta' kuljum f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmien oqsma prinċipali ta' azzjoni identifikati fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità u kwistjonijiet oħra tal-aċċessibilità, bħalma huma l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, l-ambjent mibni u t-trasport, l-oġġetti u s-servizzi, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja politika, pubblika u kulturali;

119. Jenfasizza r-rwol ta' protezzjoni li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet permezz tal-proċess tal-petizzjonijiet (flimkien mal-Ombudsman Ewropew, maħtur biex jipproteġi liċ-ċittadini f'każ ta' amministrazzjoni ħażina) fil-kuntest tal-qafas tal-UE għall-UNCRPD, li jippermetti li l-petizzjonanti jressqu lment kontra ksur tad-drittijiet tagħhom min-naħa tal-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u lokali; jenfasizza li l-petizzjonijiet li jirċievi l-Kumitat juru l-ħtieġa li jiġi adottat approċċ effettiv, orizzontali, nondiskriminatorju u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-politiki tad-diżabilità; jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fit-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-persuni b'diżabilità fl-UE u fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-UNCRPD min-naħa tal-UE;

120. Jenfasizza li l-maġġoranza tal-petizzjonijiet imressqa miċ-ċittadini Ewropej jikkonċernaw id-diffikultajiet involuti fil-proċeduri ta' applikazzjoni, fil-ksib ta' rikonoxximent u fir-rigward ta' ħlasijiet tardivi tal-pensjoni tal-invalidità min-naħa tal-amministrazzjonijiet rilevanti; Jenfasizza li fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità u l-qasam ta' azzjoni tagħha ddedikat għall-protezzjoni soċjali għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawn il-kwistjonijiet, b'konformità mal-Artikolu 28 tal-UNCRPD dwar standard ta' għajxien adegwat u protezzjoni soċjali;

°

° °

121. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Or. en